## 10 ta' Ġunju, 1994

## Imħallef:-

## Onor. Vincent DeGaetano LL.D.

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Muscat

## Nullità tas-Sentenza - Offiżi fuq il-Persuna - Prova - "Culpa" - Negliġenza Kontributorja - Piena

*In-non-osservanza ta' l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali ġġib bħala konsegwenza n-nullità tas-sentenza appellata u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tgħaddi biex tisma' l-kawża mill-ġdid fuq il-meritu fit-termini tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 428.*

*Jekk offiżi fuq il-persuna humiex ħfief, gravi jew gravissimi hi kwistjoni ta' fatt li ma tirrikjedix neċessarjament id-depożizzjoni ta' tabib.*

*In-negliġenza kontributorja ma twassalx għal xi forma ta' kompensazzjoni tal-ħtijiet.*

*Meta l-Qorti tannulla sentenza u tipproċedi skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 428, il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) ta' l-imsemmi artikolu.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Joseph Muscat talli fid-

29 ta' Settembru, 1993 għall-ħabta ta' 6.50 a.m. fi Triq Qormi, Ħamrun, saq vettura numru B-0545 u b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti laqat u tajjar ma' l-art lil Simon Cilia u kkaġunalu offiżi ta' natura gravi *per durata* skond Dr. Tonio Piscopo; il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Muscat jiġi skwalifikat mill-liċenzji tiegħu kollha tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-27 ta' April, 1994 li biha dik il-Qorti sabitu ħati u kkundannatu "Sec 9 Kap 152 għal tliet (3) xhur";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Muscat minnu ppresentat fit-3 ta' Mejju, 1994 li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka is-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tas-6 ta' Ġunju, 1994 kemm l-appellant kif ukoll l-Avukat Ġenerali qablu li is-sentenza ta' l-ewwel Qorti kienet nulla peress li, bi ksur ta' l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, ma fihiex iċċitati l-artikoli tal-liġi li jikkontempla jew jikkontemplaw ir-reat jew reati li tiegħu jew tagħhom, l-istess appellant kien instab ħati minn, u quddiem dik il-Qorti. Anke li kieku l-partijiet ma qablux hekk, in-nuqqas ta' dina l-formalità, li ġiet dejjem ritenuta bħala waħda ta' natura sostanzjali, setgħet tiġi sollevata minn din il-Qorti *ex officio.* Għalhekk din il-Qorti qiegħda tħassar u tannulla s-sentenza tal- Qorti tal-Maġistrati

(Malta) tas-27 ta' April, 1994 fl-ismijiet premessi u ser tgħaddi biex tiddeċidi l-kawża mill-ġdid fuq il-meritu fit-termini tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 428 tal-Kodiċi Kriminali;

Il-Qorti tosserva fit-tieni lok li l-akkuża kif redatta fiċ-ċitazzjoni tal-Pulizija Eżekuttiva tammonta biss għall-akkuża kkontemplata fl-artikolu 226 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali u mhux għal dik ikkontemplata fl-artikolu 15 (1) (a) tal-Kap. 65, u dana jirriżulta ċar mill-kliem użati fiċ-ċitazzjoni - "b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti" - li huma l-kliem operattivi għall-finijiet ta' l-artikolu 226 (b'referenza għall-Artikolu 225) tal-Kap. 9, mentri l-artikolu15 (1) (a) tal-Kap. 65 jitkellem dwar "b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż". Probabbilment minn irrediġa ċ-ċitazzjoni ried jinkludi ż-żewġ akkużi, ċjoè sia dik taħt il-Kap. 65 kif ukoll dik taħt il-Kap. 9, iżda l-ewwel parti taċ-ċitazzjoni tgħid biss li f'ġurnata, f'ħin u f'post partikolari Joseph Muscat saq vettura numru B-0545. Dan il-fatt fih innifsu ma jammontax, evidentement, għal reat. U f'dan l-istadju din il-Qorti ma tistax tirrimedja għal dana t-tip ta' nuqqas fiċ-ċitazzjoni;

Fil-meritu, l-appellant, kemm fir-rikors ta' l-appell kif ukoll fit-trattazzjoni orali mill-abbili difensur tiegħu, *in sintesi* isostni li hu ma kien b'ebda mod kriminalment responsabbli għall-fatt li laqat is-sellum li fuqu kien Simon Cilia u li per konsegwenza dana Cilia waqa' minn fuq l-istess sellum u korra. Jilmenta ukoll l-appellant li ma nġabu ebda provi ta' l-offiżi sofferti minn dana Cilia peress illi t-tabib Piscopo ma xehedx u quddiem l-ewwel Qorti ma ġie rreġistrat ebda verbal li d-difiża kienet qed taqbel li l-feriti (*recte*: offiżi) kienu ta' natura gravi. Fuq din il-kwistjoni ta' l-offiżi dina l-Qorti tosserva li jekk offiżi humiex ħfief, gravi jew gravissimi hi kwistjoni ta' fatt li ma tirrikjedix neċessarjament id-depożizzjoni ta' tabib. Mix-xhieda

ta' Simon Cilia stess u minn kemm huwa stess qal li dam l-isptar, din il-Qorti ma tarax kif tista' tasal għal konklużjoni oħra għajr li l-offiżi li sofra dana Cilia huma ta' natura gravi;

Kwantu għall-kwistjoni ta' aġir kolpuż da parti ta' l-appellant, din il-Qorti diffiċilment tista' tifhem kif l-appellant jista' jippretendi li hu mhux kriminalment responsabbli għall-fatt li laqat is-sellum li fuqu kien Cilia. Huwa minnu li Cilia u l-*helpers* li kellu miegħu jżarmaw in-niċċa u l-istatwa setgħu ħadu prekawzjonijiet aħjar biex jiġi evitat l-inċident. Però dan l-fatt jista' jkollu relevanza biss fil-kamp ċivili u mhux ukoll (ħlief għal finijiet ta' piena) fil-kamp penali. Kif tajjeb josserva l-Antolisei *"Nell' ipotesi che con la colpa del soggetto attivo del reato concorra la colpa della persona offesa, da alcuni si parla di* ***compensazione delle colpe,*** *nel senso che la colpa del'uno verrebbe annullata dalla colpa dell'altra. Così non si dovrebbe punire l'automobilista, se l'investimento sia dovuto anche alla colpa della vittima. Ciò non può ammettersi, perchè il principio della compensazione delle colpe, se vale nell'ambito del diritto privato, in cui sono in guoco interessi prevalentemente patrimoniali che debbono essere conciliati, non ha diritto di cittadinanza nel campo penale. Qui la punizione è reclamata da un interesse pubblico e, quindi, dell-eventuale colpa della vittima il giudice terrà conto solo entro i limiti dei suoi poteri discrezionali per l'applicazione concreta della pena."* (Antolisei, F. **Manuale di Diritto Penale, Parte Generale**, 1989, Giuffrè {Milano}, p. 332). Jekk, kif isostni l-appellant, dana kien qed isuq wara *refrigerated truck* (jew, kif sejħilha l-appellant fid-depożizzjoni tiegħu, *truck* tal-ħalib) jekk dan it-*truck* għadda bla ma laqat is-sellum kellu jgħaddi ukoll bla ma jolqot is-sellum l-appellant. Jekk, mill-banda l-oħra, wara li għadda r-*refrigerated truck*, tfaċċat karozza tal-linja mid-direzzjoni opposta għall-

appellant u dana kellu jiġbed lejn ix-xellug, ma hemm ebda raġuni għala l-appellant ma kellux jara, fuq ix-xellug tiegħu, is-sellum, li kien pjuttost twil, bil-parti tiegħu ta' fuq man-niċċa u l-parti t-isfel taħt il-bankina. *Eppure* l-appellant fix-xiehda tiegħu jgħid li hu qatt ma ra s-sellum - skond hu għax ma setax jarah - mhux, kif hemm fir-rikors ta' l-appell, li rah fl-aħħar sekonda u meta kien tard wisq. Hu minnu li t-triq in kwistjoni m'hijiex partikolarment wiesgħa, li kien għadu kif sebaħ u li kienet bdiet nieżla x-xita, però dawna kollha huma raġunijiet biex sewwieq prudenti u ta' l-affari tiegħu joqgħod aktar, u mhux anqas, attent. Kollox ma kollox din il-Qorti tara li hemm in-ness ta' kawża u effett bejn l-aġir kolpuż ta' l-appellant u l-offiżi sofferti minn Cilia, u dana minħabba li l-appellant ma kienx qed iżomm *"proper look-out"*, jiġifieri ma kienx attent biżżejjed, fil-grad rikjest minn kull sewwieq. Dawn l-fatti jirradikaw kemm l-element formali kif ukoll dak materjali rikjest mill-Artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali;

Kwantu għall-piena, dina l-Qorti, *una volta* li annullat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u pproċediet skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 428 tal-Kap. 9, m'hijiex marbuta bis-subartikolu (7) ta' l-imsemmi artikolu (ara f'dan is-sens **Il-Pulizija v. Emmanuele Fenech**, 15/3/58, Vol. XLII.IV.1302; **Il-Pulizija v. Marco Hammet u Marco Vella**, Appell Kriminali 9/1/92; **Il-Pulizija v. Anthony Zahra,** Appell Kriminali, 26/5/94). Iżda, kif intqal, din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li kemm Cilia kif ukoll il-*helpers* li kellu miegħu setgħu ħadu prekawzjonijiet biex dak li ġara ma jiġrix;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti ssib lil Joseph Muscat ħati talli fid-29 ta' Settembru, 1993 fi Triq Qormi, Ħamrun, għall-ħabta tas-6.50 a.m. bil-vettura tiegħu numru B-0545 b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti laqat u

tajjar ma l'art lil Simon Cilia u kkaġunalu offiżi gravi *per durata* u, wara li rat l-artikoli 226 (1) (b), 11, u 30 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-imsemmi Joseph Muscat għall-piena ta' multa ta' tletin lira (LM30) u tiskwalifikah milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' ħmistax-il ġurnata. Din l-iskwalifika tibda sseħħ min nofs il-lejl u minuta ta' għada.